**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur AnnaMarie Xuereb)**

**Vs**

**Jason Masini**

Illum 11 ta' Settembru 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jason Masini ta' 43 sena, iben Joseph u Pacificia nee' Portelli, imwieled ir-Rabat (Ghawdex), fis-16 ta' Novembru 1972 u residenti 14, Kimkeyken, Triq ir-Rimona, Mosta, detentur ta' karta tal-identita' 29672(G):

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'Gunju 2015 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istes disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hamest elef ewro (€5,000) taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-Malta Council for Culture and the Arts fi hdan il-Ministeru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali.

2. U talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entita' ohra, ghamiel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titloi, atti jew hwejjeg mobbli, illi jkunu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu ghad-detriment tal-Malta Council for Culture and the Arts fi hdan il-Ministeru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali.

3. U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Jason Masini (deciza fis-sbatax ta' Gunju tas-sena 2011) liema sentenza hi definittiva u ma tistghax tigu mibdula.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-artikolu 127 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. fl-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-allegazzjoni fil-konfront tal-imputat hija li huwa ircieva flejjes minghand Ticket Line ghan-nom ta' Pjazza Teatru Rjal (PTR) liema flejjes kienu qeghdin jigu depozitati f'kont bankarju privat. In total is-somma li kienet f'idejn l-imputat kienet fl-ammont ta' €19,373. Permezz ta' tlett *bills payable* fil- 15 ta' Gunju 2015, l-imputat ghadda parti minn dan l-ammont ta' flus lill-Kunsill Malta ghall-Arti fi hdan il-Ministeru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali.

Mill-atti jirrizulta s-segwenti:

- Fit-18 ta' Gunju 2013, is-sur Albert Marshall talab lis-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol sabiex jiffacilita' t-trasferiment ta' Jason Masini, lecturer MCAST Electronics Enginerring Institute, mill-post li kellu ghal posizzjoni bl-istess grad mal-Kunsill Malti ghall-Kultura u Arti[1].
- Fit-3 ta' Lulju 2013 is-secondment mitlub gie approvat u kien effettiv mill-1 ta' Settembru 2013. L-imputat gie infurmat li l-MCAST kienet se tkoprilu s-salarju tieghu sal-ahhar ta' Dicembru 2013[2].
- L-imputat b'rizultat ta' dan it-trasferiment kien jokkupa l-kariga ta' General Manager ta' PTR[3].
- Kif spjegat mill-imputat stess fix-xhieda tieghu[4], huwa beda jipprova jingaggja n-nies izda imbaghad inbidel id-dekasteru u beda jmexxi t-teatru bl-events wahdu.
- L-imputat xehed li huwa kien ilu madwar sena jitlob li l-PTR ikollu VAT no u Bank Account no.
- Minn Dok JM4[5] jirrizulta li fil-11 ta' Awwissu 2014 l-imputat ircieva email fejn gie infurmat li l-PTR kien se jkollu temporanjament VAT no u li l-fondi kellhom jinzammu f'kont bankarju separat u li dawk il-fondi kienu se jkunu a disposizzjoni ta' PTR biex thallas materjal ecc.
- Jirrizulta li l-biljetti tal-events li kienu jsiru fi PTR kienu jinbieghu minn fuq ticketline.com.mt li hija tal-kumpanija Sensembed Limited. Joshua Ellul, direttur tal-imsemmija kumpanija, xehed[6] li l-kumpanija ghamlet diversi pagamenti lill-imputat kif mitlub minnu stess.

[1] Dok JM1 a fol 147 tal-process
[2] Dok JM2 a fol 148 tal-process
[3] Ara stqarrija Dok WS1 a fol 13 tal-process
[4] Fit-8 ta' Marzu 2017
[5] A fol 150 tal-process
[6] Seduta tas-16 ta' Novembru 2016

- Jirrizulta mill-istatement bankarju tal-imputat[7] li fit-12 ta' Dicembru 2014 gie trasferit l-ammont ta' €8,000 fil-kont personali tal-imputat mill-kumpanija Sensembed Ltd fejn gie indikat li dan l-ammont kien *part-payment for MCCA MCC20141105.*
- Fl-istess gurnata l-ammont ta' €8,000 ingibed mill-kont.
- Fil-15 ta' Dicembru 2014 l-istess kumpanija regghet trasferit l-ammont ta' €1,000 fil-kont personali tal-imputat.
- Fis-17 ta' Jannar 2015 intbaghtet email mill-imputat lil Joshua Ellul li taqra *"as per our telephone conversation can you please transfer all the remaining money to my banking account details below".*
- L-ammont ta' €10,373 dahal fil-kont tal-imputat minn Sensembed Ltd (MCC 201412165) fid-19 ta' Jannar 2015.
- Fit-23 ta' Jannar 2015 l-imputat ircieva email minn Gilmore Mercieca[8] fejn gie infurmat li seta' jintuza' s-segwenti kont bankarju[9].
- Fit-12 ta' Gunju 2015 jirrizulta li gie depozitat l-ammont ta' €15,000 fil-kont personali tal-imputat. L-origini ta' dawn il-flus mhux maghrufa.
- Fil-15 ta' Gunju 2015 l-imputat hareg 3 bills payable separati fl-ammonti ta' €841, €3,291 u €7,341 lil Malta Council for Culture and the Arts[10].
- Fis-17 ta' Gunju 2015, permezz ta' ittra ffirmata mis-Segretarju Permanenti Paulanne Mamo, l-imputat gie ordnat, fost ohrajn, sabiex ma jersaqx aktar lejn kull fond proprjeta' ta' PTR b'mod immedjat[11].

**L-ewwel Imputazzjoni**

L-imputat jinsab akkuzat b'approprjazzjoni indebita ghad-dannu tal-Malta Council for Culture and the Arts. Jigi rilevat li Pjazza Teatru Rjal kien dak iz-zmien jaqa' taht il-kappa ta' Malta Council for Culture and the Arts.

Illi l-approprjazzjoni indebita hija ikkontemplata fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio* mill-pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinnjat lil hati

[7] Dok JB1 a fol 85 tal-process
[8] Financial Controller tal-Arts Council Malta
[9] Dok JM3 a fol 149 tal-process
[10] Dok JB2
[11] Dok JM10 a fol 157 tal-process

minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tal-persuna akkuzata.

Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.

2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffigurax l-element tal-azzjoni ndebita.

3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;

5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor" (Il-Pulizija vs Marbeck Cremona - Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – 15/02/2007)

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li isawwru dana ir-reat.

*"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku;(sottolinjar tal-Qorti) (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li ikun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqslikieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

"*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[12]

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** deciza fl-14 ta' Frar 1997, l-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana ir-reat:

*"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."*

Illi finalment dwar id-dolo mehtieg ghal kumissjoni ta' dana ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

*"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un*

[12] Il-Pulizija vs Francis Camilleri deciza fil-25 ta' Gunju 2001 – Appelli Kriminali Inferjuri

*terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita'e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Imbagahd fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ivan Vella** il-Qorti tal-Appell Kriminali[13] irriteniet li "ir-*reat tal-misapproprazzjoni jidher illi dana ir-reat huwa ibbazat fuq l-abbuz tal-fiducja li tkun giet fdata lill-agent. Dana l-abbuz jissarraf fil-fatt illi l-agent idawwar oggett li ikun gie fdat lilu ghal ghan specifikat f'uzu differenti minn dak patwit tal-oggett ikkonsenjat, liema uzu divers madanakollu irid ikun sar b'mod intenzjonali mill-agent bl-ghan li jaghmel profit minnu ghalih innifsu. Dana l-agir minn naha tieghu ma iridx jammonta ghal semplicement uzu tal-oggett, izda l-agent irid iqies illi dak l-oggett sar proprjeta' tieghu u ghalhekk jaghmel uzu minnu bhala sid tieghu u dana bi profitt ghalih."*

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat mill-1 ta' Settembru 2013 sas-17 ta' Gunju 2015 kien jokkupa l-kariga ta' General Manager fi PTR. Parti minn xogholu kien l-organizzazzjoni ta' events. Il-bejgh tal-biljetti ghal dawn l-events gew fdati f'idejn ticketline.com.mt. Il-flus tal-biljetti mibjugha kienu ntizi sabiex ighaddu lil MCCA. Tali

[13] Fit-3 ta' Ottubru 2001

dettal jemergi kemm direttament mill-email mibghuta minn Joshua Ellul[14] fit-12 ta' Dicembru 2014 fejn is-Sur Ellul kiteb lill-imputat is-segwenti email:

*"As per our conversation I will be transferring Eur 8000 to you as part payment for amounts due from us to MCCA for events held at MCCA as per statement MCC 201411055B. We will then require to transfer Eur 11,373 to MCCA.*

*Please forward the different bank accounts so that we cam transfer the finds accordingly".*

Inoltre' jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-istess imputat[15]. Irrizulta wkoll li PTR (li jaqa' taht il-kappa tal-Malta Arts Council) ma nghatax numru ta' kont bankarju biex ikun jista' jithaddem mill-istess imputat. Mill-atti jirrizulta li tali numru ta' kont bankarju intbaghat lill-imputat fit-23 ta' Jannar 2015. L-imputat jixhed u spjega fl-istqarrija li kien ilu jippressahom biex jaghtuh tali facilita'.

Kif fuq rilevat, is-sur Joshua Ellul minn ticketline.com.mt fuq struzzjonijiet tal-imputat wettaq tlett trasferimenti ta' flus, li kienu dovuti lil MCCA, fil-kont bankarju f'isem Jason Masini. L-imputat xehed u anki spjega fl-istqarrija li dan ghamlu billi Joshua Ellul kien qieghed jinsisti biex jitrasferixxi l-flus u PTR ma kienx ghad kellu kont bankarju. L-imputat xehed li huwa kellu mohhu mistrieh billi ticketline.com.mt kellhom sistema awtomatika u trasparenti ghaliex is-sistema hija fully-automated bin-numru ta' ta' tickets online u b'hekk kollox seta' jigi verifikat.

Il-Qorti se tghaddi biex tirreferi ghat-tlett trasferimenti separatament. Mill-istatement bankarju[16] tal-imputat jirrizulta li fit-12 ta' Dicembru 2014 gie trasferit l-ammont ta' €8,000 minn Sensembed Ltd. Fl-istess gurnata l-imputat gibed l-istess ammont[17]. L-imputat xehed li kien hemm impjegata, certu Roselle Borg Pulis, li kienet ghada lanqas thallset ta' xi xhur xoghol. Hija kienet ipprezentat l-invoices lill-Ministeru tal-Gustizzja u l-Kunsill Lokali izda baqghet ma thallsitx. Din il-persuna kienet se ssiefer fit-tul, kellha telfa fil-familja u ghalkemm kien mar jitlob lil min kien responsabbli biex is-sinjura Borg Pulis tithallas izda ghalxejn u b'hekk iddecieda li t-€8,000 ighaddihom lilha. L-istess sinjura Borg Pulis ikkonfermat[18] li hija kienet tghid lill-imputat li riedet tithallas billi huwa kien il-manager ta' PTR u kien hallasha l-ammont ta' €8,000 fi flus kontanti. Meta imbagahd Arts Council hallsuha l-kumplament ta' dak dovut lilha naturalment l-ammont li thallset tieghu kien imnaqqas.

Mill-email ta' Joshua Ellul jirrizulta li dan l-ammont kien *part-payment* ghal MCCA. L-imputat kif appena dan l-ammont dahal fil-kont tieghu qabad u hallas lis-sinjura Borg

---

[14] Direttur ta' Sensembed Ltd
[15] Seduta tat-8 ta' Marzu 2017
[16] Dok JB1
Roselle[17] Dok JM9 a fol 156 tal-process
[18] Fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2017

Pulis daqslikieku dan kien ammont tieghu li huwa seta' jiddeciedi li jaghmel li jrid bih liberament. Ma kienx kompitu tal-imputat li jhallas huwa lis-sinjura Borg Pulis anki jekk, forsi ingustament, ma kienitx ghadha thallset ta' xogholha.

Inkwantu ghat-tieni trasferiment ta' €1,000, dan l-ammont thallat mal-flus tal-istess imputat. Jirrizulta izda li l-imputat bhala bilanc halla bizzejjed flus biex tali ammont baqa' kopert. Kwindi inkwantu ghal dan l-ammont ghalkemm is-sitwazzjoni mahluqa ma kinitx wahda ideali, izda ma kienx hemm mizapproprjazzjoni min-naha tal-imputat.

It-tielet trasferiment sar fid-19 ta' Jannar 2015 fl-ammont ta' €10,373. Proprju dakinhar stess ingibed l-ammont ta' €2,000. Mill-istatement bankarju imbaghad jirrizulta diversi transazzjonijiet li saru evidentement ghall-uzu personali tal-istess imputat. Jigi nnutat li fid-19 ta' Jannar 2015 – qabel ma gie trasferit l-ammont ta' €10,373 – l-imputat kien fadallu bilanc ta' €1,447.21 li €1,000 kienu destinati lil MCCA. Ghalhekk meta fid-19 ta' Jannar 2015 gibed €2,000 diga' kien ha mill-ammont li ma kienx tieghu personali izda li kien ghadu kif gie depozitat. Jirrizultaw sensiela ta' transazzjonijiet fosthom gbid ta' flus, hlas ghal hwienet, hlas ghand ristoranti eccetra. Mid-19 ta' Jannar 2015 hrug ta' flus sar, ma kien hemm l-ebda depoziti fil-kont bankarju tal-imputat hlief fl-24 ta' Marzu 2015 fl-ammont ta' €2,624.88[19] u €20.98 fl-10 ta' April 2015, €50 fl-1 ta' Gunju 2015. Bizzejjed jinghad li sas-6 ta' Gunju 2015 dan il-kont kien fadal fih biss l-ammont ta' €1,475.27. Il-figuri wahedhom huma indikattivi li l-imputat, kuntrarjament ghal dak li xehed li qatt ma hallat il-kwistjoni tal-paga mal-flus li gew depozitati minn ticketline, dan mhux minnu.

Ma jridx jintesa li l-imputat inghata numru ta' kont bankarju mill-MCCA li seta' jahdem bih. Dan sehh fil-25 ta' Jannar 2015. Nonostante dan, l-imputat ma qabadx u ttrasferixxa l-flus li kienu fil-pussess tieghu izda li kienu tal-PTR fi hdan l-MCCA mal-ewwel okkazjoni li kellu. Kwindi l-imputat ma jistax jitwemmen li kien daqstant *in buonafede* daqs kemm ipprova jaghti l-impressjoni li kien. Infatti huwa ghadda total ta' €11,473 lil MCCA permezz ta' bills payable fil-15 ta' Gunju 2015 u dan wara li fit-12 ta' Gunju 2015 kien hemm depozitu ta' €15,000 fil-kont tieghu.

Huwa minnu li ma jidhirx li fi PTR kollox kien kif suppost biex jitmexxa. Madankollu l-imputat li kieku verament ried jimxi kif suppost kellu jibqa' jinsisti ghal kont bankarju f'isem PTR jew jidderiegi lit-tmexxija ta' Sensembed Ltd sabiex tiddiskuti mal-MCCA ghat-trasferiment tal-flus.

L-imputat enfasizza hafna li matul is-snin li hadem mal-PTR dam xhur twal fejn huwa ma thallasx u ma kienx qieghed jircievi l-paga tieghu. Dan kollu rrizulta mill-provi prodotti. Certament li mhux sew u gust li haddiem ma jithallasx ta' xogholu kemm ghaliex ladarba persuna qeghda tahdem ghandha tigi renumerata kif ukoll ghaliex dik

[19] Direct payment salarju

il-persuna trid tghix hija u l-familja taghha jekk ikollha. L-imputat izda seta' ha passi legali jew altrimenti passi ohra permessi mil-ligi sabiex jithallas dak dovut li kien dovut lilu u mhux juza' flus appertenenti lil MCCA ghall-uzu personali tieghu.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Illi jibqa' biex jigi kkunsidrat jekk giex pruvat ir-reat hekk imsejjah 'peculato' jew embezzlement. L-element essenzjali ghal dan ir-reat hu li l-awtur irid ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku.

Issir riferenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Carmel Saliba** deciz nhar il-31 ta' Mejju, 2012,[20], fejn il-Qorti rriteniet:

*"Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 127, il-Qorti ser tapplika l-istess argumentazzjoni. Hawnhekk id-dolo mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-uffiċjal pubbliku jappropria ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa. Kif ighid il-Professur Mamo: "Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain." Huwa jikkwota dak li ighid l-Imhallef Harding:* ***"Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."***

Kif ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alexander Zammit et**.:[21]

*"Wiehed mill-elementi tar-reat ta` storn [Art. 127 - Kodici Kriminali] huwa li l-oggetti in kwistjoni jkunu gew fdati lill-individwu minhabba il-kariga jew impieg tieghu. Kjarament, jew ikun hemm dan l-affidament ta` l-oggetti, jew inkella jkun hemm it-tehid taghhom "invito domino" li hu element tas-serq. Wiehed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-iehor relativament ghall-istess fatt."*

Fis-sentenza **Il-Maesta tar-Re vs Guzeppi Fenech et**, il-Qorti Kriminali ddikjarat:[22]

[20] Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Ghawdex), Onor. Magistrat Dr Edwina Grima

[21] Deciza 13.03.1998, App. Krim.

[22] Deciza 16.06.1950 per S.T.O. Sir George Borg, Onor. Dr A.J. Montanaro Gauci, Onor. Dr. W. Harding. Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri, Vol.XXXIVC.iv. fol.930

*"Illi gie deciz min din l-Qorti, kompsota minn tlett Imhallfin, fil-kawza* ***"Rex vs Brincat"****deciza fis-6 ta' April, 1943, illi d-delitt ta' storn kontemplat fl-artikolu 125 tal-Kap.12……huwa specjali ghall-ufficjal jew impjegat publiku; u persuna li ma jkollhiex dik il-kwalita` anke jekk tghin lill-uffijal publiku, ma tistax tigi akkuzata ta' komplicita` taht dik id-disposizzjoni, ghaliex ikun qieghed jonqos element essenzjali ghal dik id-disposizzjoni, u cjoe il-kwalita` ta' ufficjal jew impejgat publiku li jkollu taht idejh il-haga stornata in forza ta' dak l-ufficju tieghu…..*

*Illi fil-kaz* ***"Rex vs Victor Fava"*** *deciz ukoll minn din l-qorti kollegjalment komposta fis-6 ta' Lulju 1943, gie mantenut l-istess principju. U gie spjegat li f'kaz ta' reati simil, il-kwalita` ta' ufficjal pubbliku (u kwindi l-fatt li l-haga tkun fdata lilu minhabb l-karika tieghu) ma ghandhiex bhala bazi l-facilitazzjoni ta' l-ezekuzzjoni tar-reat, imma l-vjolazzjoni ta' dover specjali inkombenti lill-ufficjal pubbliku (li jkollu l-haga fdata lilu) u ghalhekk bhala cirkustanza esklusivament personali ma hijiex kommunikabli.*

*Illi l-principju ta' non-kommunikabilita`, minhabba li si tratta mhux ta' kwistjoni ta' facilitazzjoni, imma ta' vjolazzjoni ta' dover specjali, propunjat f'dawn is-sentenzi huwa accettat mill-Pessina….. Masucci (Dig. It. voce "Partecipazine", n.155).*

*Dan l-awtur tal-ahhar precizament jghid illi d-delitt f'kaz simili, jidderiva "dalla violazione di uno special dovere incombente ad una determinate persona; neppure puo essere estesa agli altri condeliquenti perche` non sarebbe giusto che risentisce i danni della violazione di un dovere speciale anche chi a questo dovere non era sottoposto". U ghandu jigi nutat li persuna tigi sottoposta ghal dak id-dover mhux biss ghax tkun ufficjal publiku imma ghax il-haga tkun giet fdata lilha minhabba l-karika; u ghalhekk mhux bizzejjed li tkun ufficjal publiku biss, minghajr ma jkun hemm l-affidament tal-haga. Ikompli jghid gustament il-Masucci illi "se l'aggravante forse anche a lui communicabile, si avrebbe questa inammissibile conseguenza che si risponderebbe come complice di un'aggravante nella quale non si sarebbe potato concorrere, se il colpevole, invece di limitarsi alla parte di complice, avesse scelto quella di esecutore del reato". U precizamnet dan huwa l-aqwa argument. Infatti diversament, kieku ma tigix segwita din it-teorija, jista jkun hemm dan l-assurd;*

*……..Il-kwalita` ta' ufficjal pubbliku serviet ta' facilitazzjoni ghar-reat, imma b'dan kollu ma tistax tikkomunika ruhha lill-komplici, ghaliex ic-cirkustanza ta' ufficjal publiku, akkopjata ghall-affidament tal-haga stornata minhabba l-kariga, hija mhux aggravanti, imma element tar-reat specjali; u l-komplici, li, ankorke` hu ufficjal publiku, ma kellux pero` l-haga fdata lilu, ma setax jikkometti dak it-titolu ta' reat ghalkemm seta' ikkometta titolu ta' reat iehor. Fl-ewwel kaz hemm it-titolu ta' serq (reat komuni) pju` l-aggravanti, kommunikabbli ghax serviet ta' aggravanti; fit-tieni kaz hemm titolu specjali ta' reat, biss dik ic-cirkustanza (ufficjal publiku pju l-*

*affidament tal-haga minhabba l-karika) ma hijiex aggravanti, imma element kostituttiv tar-reat stess, u dak li fih ma tirrikorrix dik ic-cirkustanza ma jistax jikkometti, mhux l-aggravanti, imma ma jistax jikkometti t-titolu stess ta' dak ir-reat specjali.*

*…Illi minn ezami tal-att tal-kawza…jirrizulta li f'dan il-kaz il-haga allegata stornata kienet taht idejn akkuzat wiehed biss, in forza tal-ufficju tieghu, cjoe` ta' Guzeppi Fenech. Iz-zewg ko-akkuzati l-ohra huma, jew kienu, ukoll impjegati pubblici, sija pure fl-istess dipartiment, imma l-haga stornata ma kienitx fdata lilhom in forza tal-impjieg taghhom…."*

Illi f'dawn il-proceduri ma giex ippruvat li fil-perjodu relevanti l-imputat Jason Masini kien ufficjal pubbliku u dan huwa rekwizit essenzjali ghal sejbien ta' htija ta' tali imputazzjoni. Ghaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab hati tal-istess imputazzjoni.

**L-addebitu tar-recediva**

Fl-atti giet prezentata vera kopja fotostatika ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Gunju 2011 kontra Jason Masini[23]. F'din is-sentenza m'hemmx konnotati u l-prosekuzzjoni ma gabitx il-prova tal-identita' biex jigi ppruvat li hawn si tratta tal-istess imputat odjern.

Ghalhekk dan l-addebitu mhux ippruvat.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi inflitta din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat, il-fedina penali tal-imputat u c-cirkostanzi kollha tal-kaz aktar 'il fuq spjegati. Tqis ukoll li l-flus li l-imputat kelli f'idejh gew ritornati qabel ma gew prezentati l-proceduri odjerni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u tal-addebitu tar-recediva migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah, wara li rat l-artikolu 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sentejn.

[23] Dok WS3 a fol 99 tal-process

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**